MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 237/2008

**A B f' ismu proprju u bhala kuratur tal-minuri C u D, ahwa B**
**vs**
**E F B**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza moghtija fuq rikors guramentat maghmul mill-attur li permezz tieghu qed jitlob li jinghata l-kura u kustodja esklussiva tat-tfal minuri C u D li twieldu rispettivament fid-9 ta' Jannar 2000 u fis-7 ta' Lulju 2003, ulied komuni tal-partijiet li sseparaw permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Jannar 2006, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa.

Fl-imsemmi kuntratt kien giet pattwit li l-kura u kustodja tat-tfal minuri  tibqa' kongunta bejn il-partijiet, izda t-tfal kellhom jghixu mal-konvenuta, b' access favur il-missier li minn naha tieghu kellu wkoll jikkontribwixxi ghal-

manteniment ta' uliedu fl-ammont ta' LM40 fix-xahar ghal kull wild, bl-annwali awment tal-gholi tal-hajja.

Permezz ta' digriet moghti fit-28 ta' Gunju 2007, filwaqt li l-kura u kustodja tat-tfal baqghet kongunta bejn il-partijiet, it-tfal gew fdati fil-kura materjali tal-missier li allura assuma l-oneru tat-trobbija taghhom, b' access favur l-omm. Gie ukoll revokat l-obbligu tal-hlas tal-manteniment dovut mill-konvenut ghall-attrici ghall-manteniment tal-ulied.

Illi l-konvenuta rrifjutat li tikkontribwixxi finanzjarament ghall-manteniment tat-tfal minorenni komuni tal-partijiet.

L-attur qed jaghmel is-segwenti talbiet lil din il-Qorti: [1] li l-kura u kustodja tal-ulied minuri tigi fdata esklussivament f idejh; [2] li kull beneficju jew ghajnuna socjali relatat mal-minuri ghandhom jigu percepiti minnu; [3] li jigi fissat ammont xieraq li l-konvenuta ghandha thallas lilu ghaz-zmien ta' kemm kien ilu jiehu hsieb il-minuri minghajr il-kontribut tal-konvenuta; [4] li jigi fissat ammont xieraq li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur bhala manteniment ghaz-zewg ulied minuri, liema ammont ghandu jinkludi l-ispejjez tal-edukazzjoni u medici relatati mal-minuri; [5] li l-konvenuta tigi ordnata li thallas dawn l-ammonti.

Minn naha taghha l-konvenuta eccepiet li: [1] filwaqt li l-kura u kustodja tibqa' wahda kongunta, izda t-tfal ghandhom jghixu maghha; [2] li l-konvenuta mhux qed tithalla tara lil uliedha; [3] li t-tfal kienu marru jghixu mal-missier temporanjament minhabba kundizzjoni medika taghha li qed timpediha milli tahdem; [4] li l-attur ghandu assi sufficjenti sabiex imantni wahdu lit-tfal minuri fil-kaz li dawn jigu fdati lilu.

**Kura u Kustodja**

Illi mill-atti jirrizulta car li *rebus sic stantibus* minhabba l-kundizzjoni medika li hakmet lill-konvneuta, huwa fl-ahjar interess tat-tfal li dawn jibqghu jghixu mal-attur li, tenut kont tas-sitwazzjoni prezenti, huwa fl-ahjar pozizzjoni li jiehu kura effettiva tat-tfal komuni tal-partijiet. Ghalhekk fl-

ahjar interess tal-minuri dawn ghandhom jghixu mal-missier.

Ghaldaqstant din il-Qorti tordna li, filwaqt li l-kura u kustodja tat-tfal minuri tibqa' kongunta bejn il-partijet, bl-access favur il-konvenuta kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha bejn 4.30 pm u 7.45 pm, u kull nhar ta' Sibt jew Hadd, b' mod alternat, mill-10.00 am sat-8.00 pm.

**Manteniment**

L-attur qed jitlob li jinghata kumpens xieraq ghaz-zmien kollu li t-tfal bdew jghixu mieghu sal-lum, kif ukoll li tigi fissata rata alimentarja dovuta lill-attur mill-konvenuta bhala manteniment ghat-tfal.

In tema legali jigi osservat li huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jikkontribwixxu ghall-manteniment tat-tfal, kemm finanzjarment kif ukoll mod iehor. Illi l-manteniment dovut ghandu jigi komputat skont il-bzonnijiet tat-tfal, u l-mezzi ta' min hu obbligat ihallas il-manteniment, liema mezzi jinkludu kemm il-beni mobbli kif ukoll dawk immobbli.

Illi fil-kaz in dizamina, t-tfal jirrizjedu mill-attur, u ilhom hekk jirrisjedu mit-28 ta' Gunju 2007. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta qed tirrifjuta li thallas manteniment ghal raguni li hi tbati minn kondizzjoni medika li qed tostakolaha milli tahdem u tiggenera introjtu adegwat.

Illi b' digriet pendente lite moghti fis-7 ta' Jannar 2009[1], din il-Qorti, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-istat ta' sahha tal-konvenuta, ordnat li l-kontribut taghha ghall-manteniment tat-tfal ikun ta' €93.20 fix-xahar ghal kull minuri. Sussegwentement b' digreiet moghti fid-9 ta' April 2010, din ir-rata alimentarja giet ridotta ghal €70 fix-xahar ghal kull minuri, ghal perijodu limitat ta' sitt xhur.

Illi permezz ta' verbal registrat fl-udjenza tal-20 ta' April 2010 il-partijiet qabblu li l-flus li hemm depozitati l-Qorti,

[1] Fol.235

rizultat tal-mandat ta' sekwestru li sar mill-attur, jigu zbankati mill-attur akkont tal-manteniment dovut lilu.

*Assi*
Illi mill-provi jirrizulta li fiz-zmien tal-proceduri l-konvenuta kellha s-segwenti assi: [1] id-dar 40 Fleurette, Triq il-Garrier, Targa Gap, Mosta; [2] garage bla numru fi Triq Censu Bugeja, l-Iklin; [3] proprjeta' immobbli provenjenti minn wirt. Jirrizulta li fit-12 ta' Jannar 2006, il-konvenuta bieghet sehemha mill-fond 'San Pawl Triq Giovanni Curmi, l-Iklin, veru l-prezz ta' LM37,500; [4] is-somma ta' €32,701.89 rapprezentanti ammonti li kienet gibdet mill-kontijiet taghha fil-Bank of Valletta fis-27 ta' Ottubru 2008.[2]

Jirrizulta wkoll li, minkejja li l-konvenuta fix-xhieda taghha tas-26 ta' Jannar 2010 stqarret li ma kinitx lesta li tbiegh il-garage sabiex thallas il-manteniment ghax "irridu biex inserrah rasi jekk jigrili xi haga"[3], izda minnkejja dan, fi stadju avvanzat tal-kawza, hija bieghet l-imsemmi garage permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Novembru 2011 versu l-prezz ta' €11,600. Fix-xhieda taghha tas-7 ta' Novembru 2012 hija spjegat li kienet bieghet dan il-garage lill-kuntrattur inkarigat minnha sabiex thallsu tax-xoghlijiet li hu kien ghamel fid-dar parafernali taghha.

*Introjtu*
Illi mid-depozizzjoni tar-rapprezentant tal-Bank of Valleta fit-28 ta' Setttembru 2010, jirrizulta li sa dak in-nhar il-konvenuta, impjegata mal-istess Bank, kienet qed tippercepixxi paga annwali gross ta' €18,122, hlief ghal perijodu ta' tlett xhur bejn il-5 ta' Novembru 2003 u id-29 ta' Frar 2004, u ghall-perijodu ta' sentejn li jestendi mis-17 ta' April 2008 sas-16 ta' April 2010 f' liema data harget bis-sick leave on full pay. F' dawn il-perijodi hija kienet fuq child-care[4]. L-istess xhud kompla jispjega li fil-kaz li l-konvenuta tigi boarded out, hija tippercepixxi €7,529 fis-sena sad-data tal-irtirar.

---

[2] Xhieda rapprezentant tal-Bank of Valletta – 23 Settembru 2009
[3] Fol.555 tergo
[4] Mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuta ghandha wild iehor minn relazzjoni extra-matrimonjali.

Illi permezz ta' verbal registrat fl-14 ta' Mejju 2011, il-konvenuta ddikjarat li kienet irrezumiet ix-xoghol taghha mal-Bank of Valletta, b' sighat ridotti, mit-28 ta' Marzu 2011. Hija pprezentat certifikat mahrug mill-istess Bank, datat 26 ta' Mejju 2011, fejn hemm konfermat li l-konvenuta kienet qed tippercepixxi paga gross ta' €757.60 fix-xahar. B' certifikat iehor mahrug mill-istess Bank, datat 22 ta' Frar 2012, gie konfermat li l-konvenuta kienet eccediet is-sick leave entitlement taghha u ghalhekk ma kienitx ser tibqa' tircevi kera mill-1 ta' Frar 2012.

Minn naha tal-attur jirrizulta nkontestat li hu jippercepixxi ntrojtu mensili ta' €1,045 netti.

*Konsiderazzjonijiet ulterjuri tal-Qorti*

Illi f' dan il-kaz din il-Qorti ma tistax ma ssemmix ir-riluttanza da parti tal-konvenuta li tikkontribwixxi finanzjarjament ghal manteniment ta' l-ulied komuni tal-partijiet. Huwa minnu li l-konvenut ipprovat li hi tbati minn kondizzjoni medika li naqsitilha l-potenzjal li tiggenera l-intorjtu li hi kienet tiggenera qabel, izda xorta wahda, anke meta kienet baqghet tippercepixxi s-salarju mill-bank fejn kienet tahdem, hija xorta wahda ma kinitx tonera l-obbligu taghha skont il-ligi u skont id-digriet mahruga minn din il-`Qorti *pendente lite*.

Huwa preokkupanti l-fatt provat li, ghalkemm il-konvenuta kienet tallega li ma kellhiex introjtu u mezzi sabiex thallas il-manteniment, il-provi juru mod iehor. Wkoll, hija ma ddejqitx tbiegh il-garage ta' l-Iklin lill-kuntrattur li kien ghamlilha xi xoghlijiet fid-dar. Bhallikieku x-xogholijiet fid-dar, li ma rrizultax fix kienu jikkonsistu, kienu jigu qabel it-tfal.!

*Manteniment - Komputazzjoni*

Din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz, il-mezzi tal-partijiet, u anke l-kondizzjoni medika tal-konvenuta li naqsitilha, mhux eliminatilha, il-potenzjal ghax-xoghol, kif ukoll l-ispejjez necessarji ghat-trobbija tat-tfal hija tal-fehema li *rebus sic stantibus* il-konvenuta ghandha tikkontribwixxi ghall-manteniment taz-zewg ulied

komuni l-ammont ta’ mitt euro [€100] kull erba’ gimghat ghal kull wild minuri. Dan il-mantenimnet, jinkludi l-ispejjez ta’ edukazzjoni u dawk ordinarja ta’ sahha tal-minuri; filwaqt li l-ispejjez medici straordinarji ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet. Il-manteniment ghandu jigi awmentat kull sena skont iz-zieda fl-gholi tal-hajja kif indikat fil-indici ufficjali tal-Gvern; u ghandu jigi mnaqqas direttament mill-paga tal-konvenuta, fil-kaz li din tkun f’ impieg regolari.

*Manteniment - Arretrat*
Rigward it-talba tal-attur ghall-kumpens xieraq bhala manteniment ghaz-zmien li hu kien ilu jiehu hsieb il-minuri, il-Qorti, ghajr li taghmel referenza ghad-digriet moghtija *pendenti lite* u tikkonferma l-istess ghall-perijodi relattivi, mhijiex fil-pozizzjoni li tiffissa somma ghal dan l-iskop, stante li kif diga’ gie rilevat, id-depoziti bankarji gew impjegati sabiex jithallas il-manteniment arretrat. Ghalhekk fir-rigward, din il-Qorti ser tordna li, dak l-ammont ta’ manteniment arretrat li ghadu dovut sal-lum, ghandu jithallas mill-konvenuta lill-attur.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tichad l-ewwel talba, u minnflok, tordna li l-kura u kustodja tal-ulied komuni tal-partijiet tibqa’ kongunta bejniethom, filwaqt li t-tfal jghixu esklusivament mal-attur b’ access favur il-konvenuta kif fuq stabbilit u indikat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja.’;

[2] tilqa’ t-tieni talba u tordna li kull beneficju jew assistenza socjali dovuta ghall-minuri tigi percepita esklussivament mill-attur;

[3] tilqa’ t-tielet talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata *‘Manteniment – Arretrat’*;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba fis-sens u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata *Manteniment – Komputazzjoni’;*

[5] tilqa’ l-hames talba.

L-isejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------